VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,583, 31 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 206 tal-2016**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 135(i), (j) u (s) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 327.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Edukazzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"persunal" tirreferi għall-istaff kollu impjegat fi skola.

Reklutaġġ ta' persunal.

**3.** Persunal fl-iskejjel ma jiġux impjegati sakemm impjieg bħal dan ma jsirx permezz ta' sejħa miftuħa għal applikazzjonijiet, u reklutaġġ simili jseħħ wara intervista magħmula minn *panel* ta' intervistaturi magħmul minn għall-inqas persuna waħda li jkollha esperjenza xierqa fil-qasam ta' ħidma ma' minorenni fil-qasam edukattiv skont kif ikun meħtieġ.

Ċertifikat ta' kondotta nadifa mingħand il-Pulizija.
Kap. 77.

**4.** Persunal impjegat fi skejjel għandu jkollhom ċertifikat ta' kondotta nadifa mingħand il-Pulizija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta.

Formola ta' dikjarazzjoni magħmula minnhom stess.

**5.** Applikanti għandhom jimlew formola ta' dikjarazzjoni magħmula minnhom stess li fiha jiżvelaw kull kundanna, twiddiba, ordnijiet tal-qorti u twissijiet flimkien ma' investigazzjonijiet relevanti tal-passat jew li għadhom pendenti li jistgħu jitfgħu dawl fuq kemm huma adatti li jaħdmu ma' minorenni.

Ebda tolleranza ta' abbuż jew ħsara lit-tfal.

**6.** Kull sejħa għal applikazzjoni għal persunal biex jiġu impjegati fi skejjel għandha turi kif taħsibha l-iskola rigward l-ebda tolleranza ta' abbuż jew ħsara lit-tfal.

Referenzi dwar il-karattru.

**7.** Kemm-il darba l-iskejjel jaċċettaw referenzi dwar il-karattru tal-applikanti, huma għandhom jivverifikaw kemm il-kontenut ta' dawn ir-referenzi huwa veru.

Taħriġ induttiv u mentoraġġ.

**8.** L-iskejjel għandhom jipprovdu taħriġ induttiv u mentoraġġ għall-persunal il-ġdid, liema taħriġ għandu jinkludi suġġetti relatati mal-protezzjoni ta-tfal.

Sessjonijiet ta' informazzjoni.

**9.** Skejjel għandhom jipprovdu sessjonijiet ta' informazzjoni dwar suġġetti relatati mal-protezzjoni tat-tfal lil kull persuna li taħdem direttament ma' minorenni fil-bini kollu tal-iskola, kemm jekk tali persuna tkun impjegata tal-iskola kemm jekk le.

Benesseri tat-tfal.

**10.** Kull skola għandha taħtar persuna li xogħlha jkun li tippromwovi suġġetti relatati mal-benesseri tat-tfal u li tkun hi l-ewwel persuna li tiġi kkonsultata f'każijiet fejn il-benesseri tat-tfal ikun ikkonċernat.

Politika ta' protezzjoni tat-tfal.

**11.** L-iskejjel għandhom iħaddmu politika ta' protezzjoni tat-tfal li tinkludi provvedimenti ta' kif l-iskola ser tittratta kull allegaazzjoni relatata ma' abbuż tat-tfal, kemm jekk dan l-abbuż ikun iseħħ fl-iskola kemm barra mill-iskola.